VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,368, 17 ta' Marzu, 2020
Taqsima B

A.L.72 tal-2020

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA (KAP. 465)

Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Infurzar ta' Ordnijiet li jirrigwardaw il-Kwarantina

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 26 tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Ministru responsabbli mis-saħħa pubblika, wara konsultazzjoni mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Infurzar ta' Ordnijiet li jirrigwardaw il-Kwarantina u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Infurzar ta' Ordnijiet li jirrigwardaw il-Kwarantina, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolementi prinċipali". L.S. 465.12.

Jissostitwixxi r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Reati u pieni.

4. Kull persuna li tonqos milli tosserva d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, penali ta' tliet elef euro (€3,000) għal kull waħda mill-okkażjonijiet li tikser il-perjodu ta' kwarantina.".